**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 24 ta' Jannar, 2018**

**Talba Nru: 343/2017 PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Giovanni Palmeri**
**(ID Nru. 0073453(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 t'Awwissu, 2017 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u sitta u ghoxrin euro u tlieta u disghin centezmi (€1126.93) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta' komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC40504941 liema somma il-konvenut baqa' ma hallasx minkejja li gie debitament interpellat, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezenti rikors.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-4 ta' Dicembru, tas-17 ta' Jannar, 2018 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba u l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2018 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Illi a tenur tal-art. 1141 tal-Kodici Civili l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika lill-intimat tal-avviz odjern stante li skont il-kuntratt ezebit a fol. 5 is-servizz kien wiehed tat-tip 'residential'.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici is-somma ta' elf, mija u sitta u ghoxrin euro u tlieta u disghin centezmi (€1,126.93) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta' komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC40504941, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tan-notifika lill-intimat tal-prezenti avviz kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**